MELLIEHA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI MELLIEĦA**

**IS-SITT KUNSILL**

SEDUTA NRU. 13

1 ta' Diċembru 2008

Minuti tas-Seduta Nru. 13 tal-Kunsill Lokali Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq Il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tnejn 1 ta' Diċembru 2008.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku.

## 1.0. Minuti

1.1. Il-minuti tas-seduta Nru. 11 ta' l-10 ta' Novembru 2008 ġew approvati u ffirmati mingħajr ma saru emendi.

## 2.0. Korrispondenza

### 2.1.1. Tismija mill-ġdid ta' Triq it-Tonn u Triq Sant' Elena (T/4/1/Vol II)

2.1.2. Saret referenza għal ittra data l-1 ta' Novembru 2008 mibgħuta mis-Sur Christopher Bartolo, fejn ippropona li tissemma triq fil-Mellieha għall-Monsinjur Gużeppi Schembri.

2.1.3. Il-Kunsill ġie nfurmat ukoll li kienu saru proposti biex toroq fil-Mellieħa jissemmew għall-Ispiżjar Arthur Camilleri u għall-Monsinjur Professur Edward Coleiro.

2.1.4. Ġie deċiż li għandha ssir rakkomandazzjoni lill-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq sabiex:

- Triq it-Tonn tissemma' mill-ġdid għall-Monsinjur Ġużeppi Schembri; u
- Triq Sant' Elena, bejn Triq Ġorġ Borg Olivier u Triq Napuljun Caruana Dingli, tissemma' mill-ġdid għall-Ispiżjar Arthur Camilleri.

### 2.2.1. Tiżjin tal-Milied fit-toroq ewlenin (T/4/15)

2.2.2. Inqrat ittra datata 17 ta' Novembru 2008 fejn is-sidien tal-ħwienet ta' Triq il-Kbira u Triq Ġorġ Borg Olivier talbu lill-Kunsill sabiex jikkontribwixxi €233 għat-tiżjin ta' l-istess toroq.

2.2.3. Il-Kunsill laqa` din it-talba u ddeċieda li jikkontribwixxi sa €233 għall-konsum ta' l-elettriku pagabbli lill-Korporazzjoni Enemalta.

2.2.4. Ġie deċiż ukoll li Triq il-Parroċċa tintrama' bid-dwal bejn it-13 ta' Diċembru 2008 u s-6 ta' Jannar 2009, bħalma sar fi snin oħra.

2.2.5. Is-Segretarju rrefera għal ittra datata 14 ta' Novembru 2008, fejn l-Korporazzjoni Enemalta ħabbret sussidju fuq il-konsum ta' l-elettriku użat għat-tiżjin ta' toroq.

## 2.3.1. Wirja ta' pittura ġewwa Adenau (S/6/Vol IV)

2.3.2. Saret referenza għal ittra datata 27 ta' Ottubru 2008, fejn is-Sur John Vic Borg talab l-għajnuna tal-Kunsill sabiex itellgħa wirja ta' pajsaġġi Maltin f'Adenau, il-Ġermanja bejn is-7 u l-14 ta' Mejju 2009.

2.3.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandhom jinsabu mezzi kif tista' tingħata l-għajnuna mitluba.

## 2.4.1. Bdil fl-iskema fi Triq ix-Xehda k/m Triq l-Etna (P/5/8/X)

2.4.2. Saret referenza għal notifika mogħtija mill-MEPA dwar *Planning Control Application* PC 0069/08 sabiex tinbidel l-iskema fi Triq ix-Xehda, kantuniera ma' Triq l-Etna. Il-*Contracts Manager*, wara li ra l-pjanti sottomessi lill-MEPA, irrapporta li din hija l-istess bħal dik preċedenti (PC 0054/07), fis-sens li l-applikant qed jipproponi illi (a) il-*parking* isir biswit il-proprjetà tiegħu; (b) issir *build-out* fil-bankina; u (ċ) li Triq ix-Xehda tinbidel f'*one-way* lejn Triq l-Etna. Il-Perit irrapporta ukoll li l-arranġament propost ser jaffettwa l-aċċess għall-bini tal-faċċata.

2.4.3. Il-Kunsill iddeċieda li għandu joġġezzjoni għat-talba minħabba l-introduzzjoni ta' *one-way* ma tistax titwettaq jekk mhux parti minn sistema. Kien hemm qbil ukoll l-aċċess għall-bini faċċata tal-*build-out* proposta ser jiġi mxekkel.

## 2.5.1. Bdil f'iskema fi Triq il-Marlozz (P/5/8/M)

2.5.2. Saret referenza għal notifikazzjoni dwar talba li saret lill-MEPA - PC 0068/08 - li tinvolvi t-triq li tiġi quddiem blokka appartamenti fi Triq il-Marlozz, bejn Triq il-Wied Ta' Ruman u Triq il-Barkazza. Is-sidien ta' l-istess blokka talbu li jibdlu din l-*area* f'*terraced landscaped garden* fejn ikun hemm aċċess pedonali biss, minflok issir triq asfaltata. Il-*Contracts Manager* irrapporta li fuq il-pjanti illi ġew sottomessi lill-MEPA, hemm ukoll indikat parkeġġ, kif ukoll aċċess għall-garaxxijiet li hemm taħt l-istess blokka. Mill-kuntatt li sar mal-MEPA ma ħariġtx ċar biżżejjed, jekk din l-*area* hijiex ser tibqa' pubblika bl-arranġament propost.

2.5.3. Il-Kunsillier J. Buttigieg ikkummenta li mill-kuntatti li kienu saru bejn l-iżviluppatur u l-Kunsill preċedenti, waħda mir-raġunijiet li ġagħluhom jipproponu l-arranġament propost, minflok triq asfaltata, kien id-diżlivell kbir li jeżisti minn naħa ghal'oħra tal-blokka.

2.5.4. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni għall-arranġament propost, sakemm l-*area* affettwata bit-talba tibqa' aċċessibbli għall-pubbliku.

## 2.6.1. Garaxx għall-karozzi tal-linja fi Triq l-Iżbark tal-Franċiżi (T/3/2/Vol IX)

2.6.2. Saret referenza għal ittra datata 21 ta' November 2008, mibgħuta minn xi residenti tat-triq imsemmija rigward *towing* ta' vetturi pparkjati faċċata tal-garaxx proprjeta` ta' Carmelo Borg. L-istess residenti qalu li l-azzjoni li ttieħdet ma kinitx ġustifikata, peress li l-garaxx imsemmi m'huwiex kopert bil-permess tal-MEPA biex jiddaħħlu vetturi daqshekk kbar. L-ittra ġiet indirizzata lill-istess MEPA u kkuppjata lill-kunsill.

2.6.3. Il-Kunsill innota din il-korrispondenza.

## 3.0. Tqegħid ta` Karti

- Skeda ta' Pagamenti – 06/11/08 – 26/1108
- Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty Cash* – 04/11/08 – 19/11/08
- ***Purchase Request Form* – 26/11/08**
- Skeda ta` ilmenti - 0720/08 – 0760/08
- Skeda ta` korrispondenza li waslet
- Skeda ta` korrispondenza li ntbagħtet
- Rapport Amministrattiv għas-Sena Finanzjarja 2007 / 2008
- Rendikont Finanzjarju – Lulju / Settembru 2008
- Minuti – Kumitat Konġunt dwar l-Ordni Pubbliku – 28/10/08

## 4.0. Materji Mqajjma mill-Minuti

### 4.1.1. Estensjoni tal-lukanda Ramla Bay (P/5/8/R)

4.1.2. Saret referenza għall-minuta 4.1.1. tas-seduta preċedenti. Is-Segretarju għarraf li saret laqgħa mal-periti ta' l-iżviluppatur, fejn ġew infurmati bil-posizzjoni tal-Kunsill dwar il-materja. Fl-istess laqgħa ntalbet pjanta sabiex il-Kunsill ikun infurmat aħjar permezz ta' pjanta qabel jiddikjara l-posizzjoni tiegħu. Il-pjanta ġiet sottomessa kif mitlub.

4.1.3. Il-Kunsill approva l-*layout* tal-parkeġġ u t-titjb fid-daħla tal-lukanda, skond kif indikat fil-pjanta sottomessa, bil-kundizzjoni li:

- l-*Planning Contribution* dovuta tidħol sħiħa fil-Fond għall-Titjib Urban jew xi fond ieħor amministrat mill-MEPA;
- il-benefikati għandhom jsiru mis-sidien ta' l-istess lukanda; u
- il-parkeġġ jibqa' aċċessibbli għall-pubbliku, filwaqt li l-Kunsill ikun responsabbli għall-manutenzjoni tiegħu.

4.1.4. Is-Segretarju ntalab sabiex jikkumunika din id-deċiżjoni lill-MEPA.

### 4.2.1. Premju lill-Kunsilli Lokali għall-Kontribut lill-Isports (N/1/Vol II)

4.2.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.6.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li l-Mellieħa ġiet nominata flimkien ma' seba' kunsilli lokali oħra għall-premju msemmi. Is-Sur R. Cutajar għarraf li ir-rebbieħ tal-premju ser jitħabbar waqt serata apposta nhar il-Ħadd, 7 ta' Diċembru 2008.

4.2.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 4.3.1. Konferenza għall-Komunità Melleħija (M/4/3)

4.3.2. Saret referenza għall-minuta 4.5.1. tas-seduta preċedenti. Is-Sindku għarraf li sad-data tas-seduta kienu daħlu tliet rapporti mħejjija mir-*rapporteurs* maħtura għall-konferenza. Dawn ġew mgħoddija liċ-*chairperson* sabiex jidħlu fi ktejjeb.

4.3.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 4.4.1. Immaniġġjar ta' artijiet fl-inħawi ta' l-Aħrax mill-Għ.K.N.K.M. (A/6/1)

4.4.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 4.4.1. tas-seduta preċedenti, kif ukoll għal ittra datata 25 ta' Novembru 2008, fejn l-Għaqda Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti Melleħin wrew sodisfazzjoni lejn il-pjanijiet tal-Gvern Ċentrali sabiex jiġu rijabilitati l-ħitan tas-sejjieħ fl-inħawi ta' l-Aħrax ta' Ġewwa u l-Aħrax tal-Madonna. Intqal ukoll li inizjattiva bħal din, tikkumplementa l-pjanijiet li għandha l-għaqda biex timmaniġġja l-artijiet fl-inħawi msemmija u għalhekk ħeġġet lill-kunsill sabiex ikompli jinsisti ma' l-awtoritajiet konċernati ħalli jintlaħaq dan il-għan.

### 4.5.1. Skambji ta' żjarat mit-tfal ta' Cavriglia u dawk tal-Mellieħa taħt il-Programm COMENIUS (P/10/2)

4.5.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 8.1. tas-seduta preċedenti u qal li l-Comune di Cavriglia mhux ser japplika għall-fondi taħt il-Comenius għaliex iż-żjara li ser issir mit-tfal ta' Cavriglia fil-Mellieħa, bejn id-29 ta' Mejju u l-5 ta' Ġunju 2009, ser jagħmel tajjeb għaliha l-istess kunsill. Is-Sur R. Cutajar qal li għalhekk ser issir applikazzjoni mill-Mellieħa biss biex tkopri l-ispiża tal-vjaġġ, l-eskurżjonijiet u l-ikel meta t-tfal Melleħin ikunu l-Italja. L-akkomodazzjoni tiġi pprovduta mill-familji li jilqgħu t-tfal. Huwa qal ukoll li f'laqgħa li saret għall-ġenituri, kien hemm seba' li wrew interess f' dan l-iskambju, li jdum sitt ijiem u huwa ppjanat li jseħħ lejn l-aħħar ta' Mejju 2009, wara li jispiċċaw l-eżamijiet.

4.5.3. Il-Kunsillier J. Buttigieg ippropona li biex il-ġenituri jitħajjru jibgħatu t-tfal Cavriglia, il-Kunsill għandu jissussidja 70% ta' l-ispiża totali, wara li tiġi stabbilita l-ispiża kollha.

4.5.4. Kien hemm qbil li d-diskussjoni fuq dan is-suġġett għandha titkompla aktar 'il quddiem.

### 4.6.1. Attività ambjentali f'Għajn Tuffieħa (A/3/Vol II)

4.6.2. Is-Sur R. Cutajar irrefera għall-minuta 7.1.(a) tas-seduta preċedenti u kkummenta li minkejja li ma setax jipparteċipa fl-attività li seħħet f'Għajn Tuffieħa nhar il-Ħadd 23 ta' Novembru 2008, segwa l-andament tagħha permezz tal-gazetti. Huwa rrimarka li minkejja r-ritratti li dehru, fir-rapporti kien hemm nuqqas ta' referenza għas-sehem tal-kunsill.

### 4.7.1. Kontaminazzjoni ta' spieri fil-Qammieħ (W/2/1)

4.7.2. Il-Kunsillier C. Bartolo aċċenna għall-minuta 15.1. tas-seduta preċedenti u staqsa dwar jekk inħarġitx l-istqarrija għall-istampa dwar is-suġġett t'hawn fuq.

4.7.3. Is-Segretarju wieġeb fin-negattiv, peress li kien hemm kuntatti mal-Waste Water Division fi ħdan il-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma, u sar magħruf li nstabet il-kawża tat-tniġġiż. Irriżulta li din kienet ġejja minn katusa mblukkata li issa qed tiffunzjona mingħajr xkiel. Qed isir ukoll tindif fl-ispieri milquta u mistenni li dawn jinġiebu għan-normal fi ftit xhur oħra.

### 5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Oġġetti

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 26 ta' Novembru 2008.

5.3. Il-Kunsill approva l-*items* kollha elenkati fl-iskeda. Għalhekk, is-Segretarju ntalab sabiex jibgħat il-*Purchase Orders* relattivi.

### 6.1. Talbiet għal Ħlasijiet ta` Servizzi u Materjal

6.2. Ġiet imressqa wkoll skeda ta' pagamenti mitluba bejn is-6 u s-26 ta' Novembru 2008.

6.3. Tressqet ukoll skeda ta' infieq li sar permezz tal-*petty cash* li tkopru l-perjodu bejn l-4 u d-19 ta' Novembru 2008

6.4. Il-Kunsill ra l-kontenut taż-żewġ skedi u approva l-pagamenti elenkati fihom.

### 7.1. Identifikazzjoni ta' proġetti għal finanzjament permezz tal-programm LEADER ta' l-Unjoni Ewropea. (P/10/2/Vol III)

7.2. Għal din il-parti tas-seduta ġie mistieden jattendi Dr Gordon Cordina li ser ikun l-uniku persuna membru f'għaqda bbażata fil-Mellieħa msieħba fil-*Local Action Group* (LAG). Dan billi ser ikun qed jirrappreżenta l-organizzazzjonijiet mhux governattivi tal-Mellieħa msieħba fl-LAG.

7.3. Dr Cordina spjega li l-programm LEADER huwa ntiż sabiex itejjeb l-ekonomiji rurali tal-pajjiżi msieħba fl-Unjoni Ewropea. Huwa qal li d-definizzjoni tal-kelma "rurali" mogħtija fil-kuntest lokali hija xi ftit differenti minn dik li jifhmu b'hija pajjiżi kbar. Huwa spjega li fir-*Rural Development Programme* jeżistu tliet provediment li huma relevanti għal lokalità bħalma hija l-Mellieħa, li huma kif jidher hawn taħt:

| | |
|---|---|
| Reg. 123 | Intiż biex jinkoraġġixxi l-organizzazzjoni ta' attivitajiet kulturali marbuta mat-turiżmu |
| Reg. 125 | Titjib jew żvilupp infrastrutturali li jinkludi t-trasport, skejjel eċċ |
| Reg. 323 | Konservazzjoni u titjib ta' beni storiċi, ħitan tas-sejjieħ eċċ. |

7.4. Dr Cordina qal li jista' jkun hemm proġetti li jittieħdu bi sħab bejn tnejn jew iktar lokalitajiet msieħba fl-LAG.

7.5. Il-proposti mressaq min-naħa tal-kunsillieri kienu s-segwenti:

| Kunsillier/Uffiċjal | Suġġeriment imressaq |
|---|---|
| J. Azzopardi | Restawr tal-giren, l-imġiebaħ tan-naħal, imtieħen tal-pompi ta' l-ilma u s-swieni. |
| J. Buttigieg | Rijabilitazzjoni ta' l-inħawi ta' l-Imgiebaħ u introduzzjoni ta' miżuri sabiex ma tibqax issir ħsara mill-vetturi fuq ir-riħ tal-bajja.<br>Irkupru tal-Palazz tal-Marfa sabiex jintuża bħala mużew.<br>Is-Sindku R. Cutajar fakkar li diġa saru rappreżentazzjonijiet mas-Segretarjat Parlamentari għall-Artijiet u Erarji Pubbliċi, fejn il-Kunsill indika numru ta' beni storiċi li jistgħu jiġi rkuprati u mħarsa mill-Kunsill |
| C. Bartolo | Installazzjoni ta' pannelli fotovoltaiċi fil-ġonna u postijiet pubbliċi.<br>Faċilità ta' *Decompression Chamber* fil-lokalità għall-benefiċċji ta' l-għaddasa li jkunu qed ibagħtu mill-kundizzjoni tal-Bends.<br>Faċilitajiet meħtieġa biex jiġi pprattikat l-isports tal-paragliding, *apsailing*, u *wakeboarding*. |
| R. Cutajar | Restawr ta' l-affresk fis-saqaf ta' l-għar tas-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa, kif ukoll tal-Knisja l-Qadima tal-Manikata. |
| C. Debono | Ħolqien ta' *heritage trail* li jkun jinkludi l-ġirna f'Ta' l-Ibraġ, l-Oqbra tal-Ħewwiewa, iċ-Ċangar fit-Telgħa tal-Migduma, il-Bir tal-Ħnejja, il-Palazz ta' Selmun, l-Imġiebaħ tan-Naħal, il-*Pill Box* ta' Selmun eċċ. |

7.6. Dr Cordina qal li l-kunsill jista' jaħseb fuq proġetti aktar ambizzjużi li jinvolvu l-introduzzjoni ta' transport bil-baħar, bil-għan li jnaqqas il-konġestjoni fit-toroq ewlenin

7.7. Fl-aħħar tad-diskussjoni, il-Kunsill talab lil Dr Cordina sabiex jikkategorizza l-idejat imressqa taħt il-kriterji stabbiliti fir-regolamenti tar-*Rural Development Project* bil-għan li jkun jistgħu jsiru nterventi fl-LAG.

## 8.1. Tħejjijiet għall-attivitajiet:

### (a) Stedina għall-Festa taż-Żejt f'Cavriglia (K/1/5/3/Vol II)

8.2. Il-Viċi Sindku E. Bartolo għarraf li saret laqgħa għall-persuni kollha li ser jiffurmaw parti mill-grupp ta' 26 pesuna li ser imorru Cavriglia. Fl-istess laqgħa tqassam u ġie spjegat programm taż-żjara li ġie mfassal mill-Comune di Cavriglia.

8.3. Kien hemm qbil li għandu jinxtara rigal ta' pittura b'xena tal-Mellieħa, sabiex jiġi ppreżentat lis-Sindku Ivano Ferri

### (b) Milied Mellieħi 2008 (A/5/3/6)

8.4. Is-Sindku għarraf li s-sotto-kumitat responsabbli mill-attivitajiet marbuta mal-Milied Mellieħi kompla jiltaqa' u ppropona li l-programm jiżvolġi bejn id-19 u l-25 ta' Diċembru 2008. Is-26 ta' Diċembru tħalla barra, peress li ħafna nies jippreferu jgħaddu dan il-jum flimkien mal-familja jew il-ħbieb. Huwa qal ukoll bħala promozzjoni għall-attivitajiet ser titwaqqaf *bill board* fejn ir-*roundabout* ta' Selmun, kif ukoll ser jitqassmu 40,000 fuljett li ser ikunu sponsorjati mill-iSplash and Fun Ltd.

8.5. Is-Sur R. Cutajar ippropona li fil-ftuħ ta' l-attivitajiet jiġu mistiedna l-għaqdiet kollha tal-Mellieħa, fejn jingħata trattament ta' okkażjoni. Il-ftuħ isir mis-Segretarju Parlamenti għall-Konsultazzjoni Pubblika u l-Informazzjoni l-Onor Chris Said. Il-Kummissarju tat-Tfal – is-

Sinjura Carmen Zammit – ser tkun preżenti u anke tieħu l-okkażjoni sabiex tniedi karattru ġdid għat-tfal. Huwa ħabbar ukoll li ser issir konferenza stampa fil-preżenza tal-Ministru ta' l-Edukazzjoni l-Onor Dolores Cristina – fl-Istitut għall-Istudji Turistiċi, nhar l-Erbgħa 3 ta' Diċembru 2008.

8.6. Il-Kunsill innota u approva l-proposti mressqa.

**(c) Jum il-Kunsill 2009 (A/5/3/1/Vol X)(P/3/3)**

8.7. Is-Sindku għarraf li x-xogħol fuq il-*musical* li ser jittellgħa diġa beda, tant li l-lirika tiegħu qed tinkiteb mis-Sinjuri Jimmy Muscat, David Muscat, Philip Vella u Louise Cini. Billi fl-edizzjoni li jmiss, mhux ser ikun hemm ħin biżżejjed għall-parteċipazzjoni ta' l-għaqdiet mużikali, il-Kunsill iddeċieda li dawn għandhom jiġu nfurmati, minħabba t-tħejjijiet li soltu jagħmlu għal din l-attività.

8.8. Is-Sur R. Cutajar ippropona li t-tnedija ta' l-iskema dwar l-inċentivi li ser jingħataw lill-awturi mil-lokalità, issir waqt l-istess okkażjoni. Huwa ssuġġerixxa li għandu jitwaqqaf bord li jevalwa liema xogħlijiet għandhom jibbenefikaw mill-iskema. Il-Bord għandu jkun kompost minn membri ġejjin miż-żewġ partiti politiċi rappreżentati fil-kunsill. Is-Sindku kompla jgħid li l-bord għandu jkun kompost minnu bħala *chairman*, mis-Sur Edgar Galea Curmi u persuna oħra ntiża fil-qasam letterarju. Heritage Malta u d-ditta Miller Distributors Ltd urew interess li jagħtu l-appoġġ finanzjarju biex titħaddem l-iskema.

8.9. Kien hemm diskussjoni dwar jekk l-isem ta' l-attivita għandux jibqa' "Jum il-Kunsill" jew jibda jissejjeaħ "Jum il-Mellieħa". Il-Kunsill iddeċieda li għandu jżomm l-istess isem. Ġie deċiż ukoll li s-serata tkun taħt il-patroċinju tal-President ta' Malta, l-Eċċ. Tiegħu Dr Edward Fenech Adami. F'każ li l-President ikollu impenji oħra, għandha ssir stedina lill-Prim Ministru Dr Lawrence Gonzi.

8.10. Il-Kunsill qabel ukoll li d-diskussjoni dwar il-kriterji li fuqhom jingħataw l-onorefiċenzi għandha ssir fis-seduta li jmiss. Billi jeħtieġ li jitkomplew it-tħejjijiet sas-seduta li jmiss, kien hemm qbil li għandu jkun hemm *liaison* bejn is-Sindku u l-Kunsillier C. Bartolo.

## 9.1. Rapport Annwali Amministrattiv 2007/2008. (F/1/2/Vol VI)

9.2. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni għar-Rapport Annwali Amministrattiv 2007/08, li ġie mgħoddi lil kull kunsillier xi jiem qabel is-seduta. L-istess dokument kien jinkludi l-istqarrijiet finanzjarji awditjati u mgħoddija lill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika aktar qabel. Is-Sur C. Debono fakkar li din is-sena, ir-rapport qed jitressaq tard aktar milli stipulat fir-Regolamenti dwar Kunsilli Lokali (Finanzi), peress li l-istqarrijiet finanzjarji verifikati, ġew mgħoddija f'Ottubru 2008. Huwa staqsa dwar jekk kienx hemm xi mistoqsijiet jew kummenti dwaru.

9.3. Ir-rapport ġie approvat u għalhekk kien hemm qbil li għandu jiġi mgħoddi lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

## 10.1. Rendikont Finanzjarju – Lulju / Settembru 2008 (F/1/1/Vol II)

10.2. Is-Segretarju spjega li d-dħul mill-Korporazzjoni għas-Servizzi ta` l-Ilma, intiż biex jissewew trinek li saru mill-istess korporazzjoni bejn Lulju u Settembru 2008, huwa stmat li jiżdied b'€980 biex ġie jlaħħaq €5,880. Minkejja l-pressjoni li qed issir, sa l-aħħar ta' Settembru 2008, il-Korporazzjoni kienet għadha ma għaddietx dawn il-flus.

10.3. It-total ta' dħul minn Servizzi Komunitarji niżel ftit fuq it-tliet xhur preċedenti, għal € 9,084. Dawn kienu jikkonsistu fil-ħlas għall-attendenza tas-*summer camp* AvventuraSajf (€2,196), permessi għall-i*skips* (€541), bejgħ ta` kotba (€87), permessi tal-*cranes,* attivitajiet f'postijiet pubbliċi (€5,939), u permessi għal xogħlijiet fit-toroq (€320). It-tnaqqis totali rriżulta minn ammont inqas ta' permessi li jinħarġu wara li jgħaddi s-sajf .

10.4. Id-Dħul Ġenerali kien jikkonsisti prinċipalment mir-rifużjonijiet li jsiru mill-Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina in konnessjoni max-Xelters tat-Tieni Gwerra, kif ukoll mill-ħlas li jintalab għall-ħruġ ta' dokumenti.

10.5. Kien hemm għotjiet li saru b'riżq is-serjè ta' ħames attivitajiet li ttellgħu f'diversi ġonna pubbliċi fil-lokalità, imsejħa *Mellieħa Gardens By Night,* li kienu jammontaw €1,340. Kien hemm donazzjoni ta' €700, b'riżq il-kunċert imtella' fl-okkażjoni tal-mitt sena mit-twelid ta'

Giacomo Puccini, kif ukoll dħul ta' €140 mill-bejgħ ta' xogħol ta' artiġjanat minn Adenau waqt l-Iljieli Melleħin. Flimkien ma' dawn kien hemm abbonament fil-magazin "Mill-Qiegħa", li laħħaq €70. Dħul ieħor kommess kien jikkonsisti kif ġej:

| **Iljieli Melleħin** | **€** |
|---|---|
| Ministeru tar-Rizorsi u Affarijiet Rurali | **1,000** |
| GO plc | **2,330** |
| Radisson SAS | **500** |
| Bank of Valletta plc | **500** |
| Joanne Sheldon | **50** |
| Mekanika Ltd | **700** |
| Total | **5,080** |

| **Sportivi Melleħin tas-Sena** | **€** |
|---|---|
| Viċi Sindku E. Bartolo/Kun. H. Fenech | 60 |
| General Soft Drinks Ltd | 350 |
| Total | **410** |

| **Festa Ambjent** | **250** |
|---|---|

10.6. Fl-istess perjodu, l-MEPA għaddiet l-ewwel pagament ta' €23,666, mill-għotja marbuta mal-*playing field* li qed jiġi żviluppat bejn Triq ix-Xehda, Triq l-Għasel u Triq il-Miġbħa.

10.7. Il-Kunsill ġie mfakkar li aktar kmieni, l-estimi kienu ġew aġġustati f'dak li jirrigwarda l-pagi, peress li b'effett minn Awwissu 2008, il-Kunsill iddeċieda li jimpjega uffiċjal ieħor li tpoġġiet fi Skala 15. Dan l-aġġustament kien jaffettwa wkoll il-voti tal-*Bonuses*, l-*Income Supplements*, kif ukoll tal-Kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Nazzjonali.

10.8. Bħalma ġara fit-tliet xhur preċedenti, in-nefqa fuq toroq u bankini, bejn Lulju u Settembru 2008, kienet inqas mill-vot allokat b' €16,757. Dan kien dovut minħabba li ħaddiema tad-Diviżjoni tax-Xogħlijiet kienu mpenjati fuq xogħlijiet oħra marbuta mat-toroq arterjali u proġetti oħra tal-Gvern Ċentrali. L-ispiża attwali kienet imqassma hekk: *Patching* €3,719; Bankini €1,907; u *Culverts* €1,034. Dan il-fattur kellu effett fuq l-infieq marbut ma' l-ispiża fuq il-Manutenzjoni u Xogħlijiet Oħra fit-totalità tagħha, li kienet inqas mill-estimi b'€16,940.

10.9. L-infieq fuq it-Tagħrif lill-Pubbliku kien sostanzjalment inqas mill-estimi, peress li l-Ħames Kunsill kien qed jippjana li jippubblika ktieb dwar is-Sajd Tradizzjonali tat-Tonn fil-Mellieħa, liema proġett baqa' ma twettaqx minkejja li saru it-tħejjijiet kollha amministrattivi meħtieġa. Il-Kunsill attwali jista' jagħmel użu minn dawn il-fondi aktar 'il quddiem, billi qed jippjana li jfassal *policy* intiża sabiex iħajjar awturi mil-lokalità jippubblikaw il-kitbiet tagħhom. Fl-istess perjodu, il-magazin "Mill-Qiegħa" beda jiġi ppubblikat aktar spiss, kull xahrejn, filwaqt li żdied miegħu suppliment indirizzat lit-tfal. Dan it-tibdil ser jagħmel tajjeb għalih il-vot li kien ġie allokat għall-ktieb dwar is-Sajd tat-Tonn.

10.10. L-ispiża fuq Servizzi Kuntrattwali Oħra, kienet sostanzjalment iktar mill-estimi, peress li kien meħtieġ is-Servizz Klerikali Supplimentari, fin-nuqqas ta' ħaddiem li kien assenjat mal-Kunsill mill-Industrial Project and Services Ltd. Dan sakemm ġiet impjegata uffiċjal fi Skala 15, kif intqal aktar `il fuq. Din l-ispiża mistennija li tistabilizza ruħha fix-xhur sussegwenti,.

10.11. L-ispejjeż fuq it-Taħriġ saru in konnessjoni mal-proġett AvventuraSajf08. Il-parti li tirrigwarda l-ħlas tal-Kordinaturi u l-Istudenti Universitarji nvoluti f'dan il-proġett jitħallsu fit-tielet kwart tas-sena finanzjarja. Dawn il-flus ġew irkuprati mill-ħlas li sar mill-ġenituri tat-tfal li attendew.

10.12. F'dak li jirrigwarda l-Ospitalità u Servizzi lill-Komunità, l-infieq kien ferm għola mill-*budget*, peress li l-kunsill attwali qed jagħmel aċċenn qawwi fuq l-organizzazzjoni ta' Attivitajiet Kulturali, liema attivitajiet ma kienux previsti mill-kunsill preċendenti u għalhekk ma' kienux fl-estimi għas-sena finanzjarja 2008/2009. Konxju ta' din is-sitwazzjoni, il-kunsill attwali qed jara li jtaffi din in-nefqa billi jħajjar entitajiet kummerċjali u sorsi governattivi sabiex jikkontribwixxu għal dan il-għan, kif intqal fin-nota numru 4, aktar 'il fuq. Matul ix-xhur tas-sajf ġiet installata Sistema ta' Ventilazzjoni fis-Sala tal-Komunità fl-iskola primarja tal-Mellieħa. In-nefqa fuqu kienet tammonta għal €12,195. B'dan il-proġett, il-kunsill kompla fuq il-*policy* mħaddna minn dawk preċedenti u kompla jtejjeb il-faċilitajiet li hemm fis-sala għall-benefiċċju tal-komunita` Melleħija li tagħmel użu minn dan il-post għal diversi attivitajiet.

10.13. L-infieq fuq lampi tat-toroq kien limitat ħafna, għalkemm dan ma jirriflettix ix-xogħol fuq it-tqegħid ta' *conduit* fil-bankini ġodda li qed isiru fil-parti l-kbira tat-toroq fiż-żona ta' Santa Marija Estate. Hawnhekk il-Kunsill qed jippjana li aktar 'il quddiem jintroduċi sistema ta' lampi ġodda fuq l-arbli. It-toroq li fihom dan ix-xogħol diġa tlesta huma: Triq il-Palm, Triq l-Alwetta, Triq il-Ħlewwa, Triq il-Gardell u Triq il-Bilbla. Toroq oħra li għaddej ix-xogħol fuqhom huma: Triq is-Sliem, Triq l-Hena, Triq in-Nixxiegħa, Triq iż-Żebbuġ, Triq ir-Rundun, Daħlet id-Dalji u Daħlet is-Sardinell

10.14. Għalkemm ix-xogħol fuq l-ewwel fażi tal-Proġett dwar l-Afforestazzjoni f'Ta' l-Ibraġ tlestiet minn kollox, il-kuntrattur inkarigat kien għadu ma għadda l-ebda talba għall-ħlas. Din mistennija li titla' għal €120,500 minkejja li s-somma kontrattata kienet €98,000. Il-varjanza rriżultat prinċipalment wara li ttieħdu l-qisien tax-xogħol fuq il-post, kif ukoll minħabba li saru dwal inqas vulnerabbli għall-vandaliżmu.

10.15. Wara li ingħataw il-garanziji mitluba dwar l-arbli li twaħħlu in konnessjoni mal-*Floodlighting* tal-*Ground* f'Ta' Pennellu, kif ukoll ġie ċċertifikat ix-xogħol mill-inġinier responsabbli, irriżulta li l-ispiża totali kienet ta' €31,590, ossija inqas mill-Estimi, peress li tnaqqsu xi xogħlijiet li kienu jinvolvu l-ispustjar tal-*floodlights* il-qodma fil-*five-a-side ground*.

10.16. Ix-xogħol fuq il-proġett ta' Ġnien iż-Żerniq fil-Manikata ntemm għal kollox u l-ispiża li tidher fl-iskeda hija marbuta mad-drittijiet professjonali tal-perit inkarigat miċ-ċertifikazzjoni tax-xogħol li sar mill-kuntrattur. L-għotja ta' €46,588 mill-Fond għat-Titjib Urban tal-MEPA, b'riżq dan il-proġett, mistennija li tiġi mgħoddija lill-Kunsill fit-tielet kwart tas-Sena Finanzjarja 2008/09.

10.17. Il-Kunsill approva l-proposta.

**11.1. Parkeġġ limitat bil-ħin fit-toroq ewlenin. (T/3/3/Vol III)**

11.2. Il-Kunsill iddeċieda li jipposponi d-diskussjoni fuq dan is-suġġett.

**12.1. Minuti tas-Sotto-Kumitati (K/2/Vol III)**

12.2. Il-Kunsillier J. Buttigieg ġibed l-attenzjoni li għalkemm isiru diversi laqgħat tas-sotto-kumitat diversi, kif ukoll sabiex jiġu organizzati l-attivitajiet minn żmien għal-żmien, mhux qed jinżammu l-minuti tagħhom, bir-riżultat li l-Kunsill ma jkunx infurmat bil-proposti li jitressqu u hekk lanqas jinżammu *records*.

13.1. Is-Sindku qal li ttieħdet nota ta' dan il-punt biex jiġi segwit.

**14.1. Ħmistax-il anniversarju mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali (K/1)**

14.2. Il-Kunsillier J. Buttigieg irrefera għall-attività li ser isseħħ nhar il-Ħadd 7 ta' Diċembru l-belt Valletta, fejn ser ikun hemm mixja mill-kunsillieri u s-segretarju eżekuttivi, Quddiesa fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann u preżentazzjoni ta' medalji fil-Berġa ta' Kastilja. Billi ħames kunsillieri ser ikunu f'Cavriglia, is-Sur Buttigieg talab li għandha tintbagħat nota lill-Uffiċċju tal-Prim Ministru sabiex jiġu skużati.

14.3. Is-Sur R. Cutajar għarraf li fl-4 ta' Diċembru 2008 ser issir laqgħa għat-tfal ta' l-Iskola Primarja tal-Mellieħa, fejn jingħataw l-opportunità jagħmlu mistoqsijiet lilu u lill-ex-Sindki tal-Mellieħa, flimkien mas-Segretarju Parlamentari għall-Konsultazzjoni Pubblika u l-Informazzjoni l-Onor Dr Chris Said.

### 15.1. *Trans European Road Network* – Triq ta' l-Għadira (T/3/3/Vol III)

15.2. Il-Kunsillier J. Buttigieg aċċenna għall-kontroversja li għaddejja rigward is-suġġett t'hawn fuq u staqsa dwar jekk kienx hemm xi forma ta' konsultazzjoni mal-Kunsill dwar il-proġett tat-triq ta' l-Għadira. Huwa qal li ġie mistoqsi dwar il-posizzjoni li qed jaddotta l-Kunsill minn diversi naħat.

15.3. Is-Sindku wieġeb li sad-data tas-seduta, il-Ministeru ta' l-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni ma kienx ikkuntattja lill-Kunsill dwar din il-materja. Minkejja dan, is-Sur R. Cutajar għarraf li għaddejjin kuntatti mas-segretarjat ta' l-istess ministeru bil-għan li ssir laqgħa.

### 16.1. *Tournament* tas-*Snooker* u *American Pool* (S/4/2/Vol II)

16.2. Il-Kunsillier H. Fenech għarraf lill-Kunsill illi saret laqgħa għall-għaqdiet u *bars* li ser jospitaw il-logħob u ntlaħaq qbil li l-kompetizzjoni tas-*snooker* tibda fi Frar 2009, filwaqt li dik ta' l-*American Pool* fit-tieni ġimgħa ta' Jannar 2009.

16.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 17.1. Ħażna tax-xibka tat-tunnara (P/4/4/Vol III)

17.2. Il-Kunsillier J. Azzopardi rrefera għax-xibka tat-tunnara li kienet maħżuna fil-Batterija ta' Westreme meta din ġiet devoluta lill-Kunsill. Huwa fakkar li parti minnha kienet inżammet f'garaxx privat fi Triq San Ġorġ. Qal ukoll li huwa ġie avviċinat mis-sid ta' dan il-garaxx, li talab biex din titneħħija, peress li l-istess garaxx ser jinbiegħ. Għalhekk jeħtieġ jinsab post alternattiv fejn tinżamm ix-xibka.

17.3. Il-Kunsillier J. Buttigieg issuġġerixxa li din tinżamm fil-bir vojt li jinsab fil-batterija.

### 18.1. Seminar għas-Segretarji u *PRO*'s ta' l-Ghaqdiet (K/2/53)

18.2. Il-Kunsillier P. Cutajar irrefera għas-seminar imsemmi li sar fit-8 ta' Novembru 2008. Huwa fakkar li waħda mill-proposti li ssemmiet fis-seminar kienet li jsiru korsijiet għall-uffiċjali ta' l-istess għaqdiet, bil-għan li jkunu aktar effettivi fil-promozzjoni ta' l-attivitajiet u l-ħidma rispettiva.

18.3. Il-Kunsill ħa nota sabiex tittieħed azzjoni.

### 19.1. Twaħħil ta' *barriers* bir-riklami (T/4/3/Vol II)

19.2. Il-Kunsillier P. Cutajar qal li teżisti domanda minn sidien ta' negozji sabiex iwaħħlu tabelli bir-riklami.

19.3. Is-Segretarju wieġeb li dan jirrikjedi l-permess tal-MEPA qabel jinħareġ dak tal-kunsill skond il-*bye-laws* li għandu fis-seħħ.

### 20.1. Ġemellaġġ mal-lokalita` ta' Ayia Napa (K/1/5/4)

20.2. Il-Viċi Sindku E. Bartolo għarraf lill-kunsill illi huwa ġie verbalment avviċinat sabiex jibdew kuntatti bil-għan li jsir ġemellaġġ mal-lokalita` Ċiprijotta ta' Ayia Napa. Huwa qal li din hija lokalita` turistika fix-xlokk tal-gżira, b'karatteristiċi simili għal dawk tal-Mellieħa.

20.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### AĠĠORNAMENT

Is-seduta spiċċat fil-11.30 pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 29 ta' Diċembru 2008 fis-7.00pm.

Robert Cutajar
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**